KUNSILL LOKALI TAL-IMSIDA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imsida**

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 12

**It-Tnejn 17 ta' Frar 2025**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Pjazza Menqa fil-5:10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Charles Selvaggi – Sindku
Christine Amaira – Viċi Sindku
Margaret Baldacchino Cefai – Kunsillier
Maurice Agius – Kunsillier
Jean-Claude Borg – Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop – Kunsillier
Alfred Farrugia – Kunsillier
Andrew Mallia – Kunsillier
Christopher Borg – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

## 12.1 Qari tal-Apoloġiji

12.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

12.1.2 Minħabba li kien hemm jattendi s-Sur Ryan Cefai Mercieca, il-Liaison Officer tal-proġett tal-Imsida Creek, il-Kunsill qabel li jissospendi l-laqgħa sabiex il-Kunsill jisma' l-aħħar updates. Kopja tal-minuti tinsab f'Anness 1.

## 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 11

12.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa numru 11, li kienu meqjusa moqrija.

12.2.2 Fuq talba tas-sindku kien hemm qbil li l-kunjom Sillato jinbidel għal Stivala f'para 11.4.1.

12.2.3 Il-minuti tal-laqgħa numru 11 ġew approvati b'mod unanimu u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 12.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

12.3.1 Is-Sindku informa li dwar para. 11.3.1, kienet intbagħtet il-kommunikazzjoni kollha lis-Sur Vella u kien talab li jingħata aktar ċans biex ikun jista' jirrispondi.

12.3.2 Dwar il-kwistjoni tal-għassa, is-Sindku informa li ma kienx hemm ebda risposta mingħand il-Ministru. Sadanittant hu u s-SE kienu ltaqgħu mal-Ispettur u s-Surġent u dawn kienu infurmaw li għalkemm huma kienu għaddew xi proposti ma kellhomx risposti lanqas. Min-naħa tagħhom infurmaw li waħda mis-suġġerimenti tagħhom kienet li jaħdmu minn mobile office fi Triq l-Esperanto.

12.3.3 Il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li dwar para. 11.3.5, l-uffiċċju tad-door numbering unit kienu qed jistennew risposta mingħand il-Kunsill. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandna ninfurmawhom li nixtiequ li jinbidlu n-numri ta' Triq il-Wied.

12.3.4 Dwar para. 11.3.9, is-Sindku informa li l-Kunsill għadu qed jistenna risposta mingħand TM.

12.3.5 Dwar ix-xogħlijiet fi Triq Achille Ferris, is-Sindku informa li hawnhekk ukoll ir-residenti u l-Kunsill għadhom qed jistennew risposta.

12.3.6 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier JC Borg dwar it-talba tal-Kunsill għal *traffic lights* fi Triq San Alwiġi, is-Sindku informa li s'issa għad ma kellux informazzjoni.

12.3.7 Il-Kunsillier JC Borg staqsa wkoll dwar ix-xogħlijiet pjanati fi triq il-Kunċizzjoni u Triq San Alwiġi. Is-Sindku informa li s'issa ma kienx hemm aktar informazzjoni dwar dawn iż-żewġ proġetti għalkemm personalment kien jippreferi jekk l-ewwel jispiccaw ix-xogħlijiet li huma mibdija diġà fuq dik ix-xaqliba tal-pjazza.

12.3.8 Is-Sindku informa li kien tkellem mal-Ministru Bonett dwar it-talba tal-Kunsill għal parkeġġi residenzjali. Sadanittant kienet intbagħatet ukoll ittra fejn saret talba għal 3 żoni differenti.

Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel talba lill-Awtorità tad-Djar biex id-djar antiki li hemm fi Triq il-Wied jitwaqqgħu u minflokhom isir parkeġġ temporanju. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Chircop u bi qbil unanimu kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lill-Ministru Galdes, lill-Ministru Bonett u lill-Ministru Dalli sabiex possibbilment minflok isiru aktar binjiet, din iż-żona tinbidel fi spazju pubbliku, ġnien u possibbilment jiġi inkorporat ukoll ġnien. Kien hemm qbil ukoll li kemm-il darba jkun hemm talba għal xi residenzi mill-Awtorità tad-Djar, il-Kunsill kien se jinsisti li għandu jkun hemm numru ta' parkeġġi adekwat u mhux sempliċiment residenzi kif ġara fil-passat bil-binjiet il-ġodda ta' Triq il-Wied.

12.3.9 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa mad-diriġenza tal-Iskola Primarja fil-preżenza tas-Sur Etienne St John. Huwa informa li jidher li l-garaxx u l-parkeġġ għadhom m'għaddewx għand l-Iskola Primarja għalissa iżda sadanittant il-Kunsill irid jieħu ħsieb jagħmel eżerċizzju biex jevalwa l-ispejjeż kollha involuti biex jopera dan il-parkeġġ.

12.3.10 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius dwar il-berġa, il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li l-aħħar li semgħet kienet li kienet ittieħdet id-deċiżjoni dwar iċ-*change of use* min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar.

12.3.11 Is-Sindku informa li wara li saret kommunikazzjoni mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kienet intbagħtet ittra lill-kuntrattur biex jiġi infurmat li l-Kunsill ma kienx se jġedded it-tielet sena. Sadanittant kienet saret laqgħa ma' Clean Malta biex għalissa jinbeda kuntratt magħhom bl-ammont tal-allokazzjoni li tiġi direttament mill-Gvern Ċentrali. Se jkun hemm notice period ta' tlett xhur.

12.3.12 Is-Sindku informa li fir-rigward tal-kamra ta' Triq l-Irmiġġ kien tkellem mal-kuntrattur u talbu jgħaddilu kopja tal-korrispondenza. Il-Kunsillier Farrugia informa li min-naħa tal-Public Works Department kienu offrew li jgħaddu d-dawl imma għandha bżonn iċ-ċavetta biex inkunu nistgħu naċċessawha.

12.3.13 Dwar para. 11.4.6, is-SE infurmat li din it-talba kienet għadha ma ntbagħtitx.

12.3.14 Is-Sindku informa li waqt laqgħa ma' IM, dawn kienu infurmaw li kienu qed jikkunsidraw li jiftħu Triq is-Sarġ biex titniffed ma' Triq il-Ħarrub/Bypass.

12.3.15 Dwar para. 11.4.12, il-Kunsillier JC Borg informa li kien se jibda jaħseb biex jipprepara l-posters ghall-attivitajiet li ġejjin.

12.3.16 Is-Sindku informa li fil-laqgħa bejn il-Kunsill, IM u l-Każin, IM kienu infurmaw li se jkun hemm xi garaxxijiet jew kmamar żgħar li jistgħu jitqassmu lill-entitajiet. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel talba biex ikun hu li jikkontrolla lil min jingħataw u b'liema kundizzjonijiet.

12.3.17 Fir-rigward ta' para. 11.4.8, is-Sindku informa li l-kunsill kien diġà għamel talba li jitnaddaf dan il-ġibjun. Skont informazzjoni li kellu, ix-xahar li ġej għandhom inaddfu l-ġibjun iż-żgħir u wara jnaddfu l-ġibjun il-kbir.

12.3.18 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Baldacchino Cefai dwar para. 11.5.6 hija infurmat li ma kinitx għadha bagħtet għall-kwotazzjonijiet.

12.3.19 Fir-rigward ta' para. 11.5.7, is-SE infurmat li wara ħafna talbiet, fl-aħħar saret ir-*resurfacing ta'* Misraħ il-Barrieri.

12.3.20 Il-Kunsillier Farrugia informa li meta qed isiru talbiet dwar permessi għal trinek u xogħlijiet varji fejn jinkludu tħaffir fit-toroq, hu u s-SE qed jieħdu ħsieb li ssir laqgħa mal-entitajiet konċernati biex nassiguraw li x-xogħlijiet u l-andament tat-traffiku jimxu bl-aħjar metodu possibbli u bl-inqas inkonvenjenza għar-residenti.

12.3.21 Il-Kunsillier Farrugia ssuġġerixxa li minħabba t-twissija tal-accountant f'para 11.7.3 sabiex il-Kunsill jimxi strettament mal-baġit u sabiex l-attivitajiet pjanati jsiru tajjeb xorta waħda, il-Kunsill għandu jagħmel talba għal donazzjonijiet ta' xemgħat lill-Kunsill minn xi benefatturi Misidjani.

12.3.22 Is-Sindku informa li kellu talba sabiex nhar il-25 ta' April issir attività ta' CSR (Corporate Social Responsibility) minn kumpanija privata fejn possibbilment isir xi tindif jew xogħol ieħor relatat mal-Kunsill Lokali. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dawn għandhom jintalbu jiżbgħu l-bankijiet tal-ġnien tas-Swatar (u possibbilment jipprovdu ż-żebgħa huma stess) jew inkella jsir it-tindif fi Triq Achille Ferris.

12.3.23 Fir-rigward tal-laqgħa mal-Każin tal-banda, is-Sindku informa li kienet saret u kien hemm kważi l-Kunsill kollu. Kienet saret diskussjoni tajba u l-Kunsill għandu jara kif jista' jgħinhom b'xi fondi minn terzi fejn hu possibbli. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra ta' ringrazzjament.

12.3.24 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa dwar il-proġett sottomess mill-Kunsill għal Vjal Kulħadd għal Triq Oscar Zammit fejn ġiet diskussa l-possibbiltà li t-triq tingħalaq kompletament minflok darbtejn fil-ġimgħa biss. Il-parkeġġ jista' jsir fuq iż-żewġ naħat fuq barra minflok *parallel to the kerb* u jistgħu jsiru kemm *street furniture* fil-post kif ukoll xi siġar kbar biex jagħtu d-dell. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u għaldaqstant se ssir konsultazzjoni mar-residenti.

12.3.25 Hawnhekk il-Kunsillier C. Borg issuġġerixxa li ssir bankina fi Triq Misraħ il-Barrieri minħabba l-periklu. Kien hemm qbil li għandu jsir suġġeriment lin-Nursery biex it-tfal joħorġu min-naħa t'isfel biex jiġu direttament fuq il-bankina. Kien hemm qbil ukoll li IM jiġu mitluba biex jinkludu t-tisbiħ ta' Triq Misraħ il-barrieri fil-proġett ta' Vjal Kulħadd.

12.3.26 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa mal-Għaqda tas-Sajjieda dwar problemi li jkun hemm fuq l-iskall. Hawnhekk is-SE issuġġeriet li l-Kunsill jiltaqa' f'format ta' sottokumitat biex jiddiskuti l-byelaw u s-suġġerimenti li kienu saru għall-emendi tagħha. Il-Kunsill qabel.

12.3.27 Is-Sindku informa li kien hemm bżonn li jiġi ffurmat bord għall-offerti – kien hemm qbil li fuq il-bord ikun hemm is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv, il-Kunsillier Chircop, il-Viċi Sindku, u l-Kunsillier responsabbli mis-suġġett flimkien mal-accountant jew xi persuna oħra li hija espert fuq is-suġġett. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-bord irid ikun magħmul minn ħames persuni. Kien hemm qbil li s-SE għandha tikkonferma dan biex ikun hemm deċiżjoni finali.

12.3.28 Hawnhekk kien hawn qbil ukoll li jiġi ffissat bord tal-intervisti li se jkun magħmul mis-Sindku, is-SE (ex-ufficio), il-Kunsillier Agius u l-Kunsillier Baldacchino Cefai.

12.3.29 Is-Sindku informa li l-Junior College se jkollhom open day nhar is-7 ta' Marzu fil-5:30pm.

12.3.30 Is-Sindku informa li kien għadda ittra lill-Ministru Bonett biex jitlob li f'numru ta' toroq issir skema ta' *residents parking*.

12.3.31 Is-Sindku informa li kellu talba għal kiosk ta' kumpanija tal-kommunikazzjoni u dawn xtaqu li jitpoġġa viċin l-Università għal bejn 6 u 9 xhur. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinfurmahom bil-permessi neċessarji u l-approvazzjoni tingħata biss jekk isir il-ħlas xieraq skont il-liġi.

12.3.32 Id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kienu bagħtu kommunikazzjoni sabiex il-Kunsill jinforma liema siti tal-Kunsill hemm bżonn li jsirilhom restawr. Is-SE kienet se tieħu ħsieb tibgħat ir-risposta.

12.3.33 Rigward l-innumerar tal-bibien ta' Triq il-Wied, il-Kunsillier Baldacchino Cefai kienet se tikkomunika mas-SE sabiex tintbagħat il-kommunikazzjoni.

12.3.34 Is-Sindku informa li l-librara kienet irriżenjat minħabba li rtirat imma sadanittant għamilna arranġament biex il-librerija tinfetaħ xorta waħda minn librara li tagħti servizz x'imkien ieħor. 'Il quddiem is-SE se tieħu ħsieb li tagħmel l-avviż biex isir ingaġġ permanenti.

12.3.35 Rigward l-iskemi li rċevejna mid-DLG, is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika għall-fondi għall-attivitajiet tal-Milied sabiex issir attività ta' Christmas Caroling flimkien mal-gruppi tal-iscouts u l-banda, fost oħrajn. Il-Kunsill qabel.

12.3.36 Il-Kunsillier Farrugia ssuġġerixxa li ssir laqgħa mat-tmexxija tal-GWU sabiex jgħinu lill-Kunsill fil-kontijiet tad-dawl u l-manutenzjoni tal-monument tal-ħaddiem. Hawnhekk il-Kunsillier Baldacchino Cefai infurmat li dan kien ġie devolut lill-Kunsill. Min-naħa l-oħra xorta kien hemm qbil in ġenerali li l-Kunsill għandu jitlob għal xi għajnuna finanzjarja.

12.3.37 Il-Kunsilliera JC Borg u Baldacchino Cefai infurmaw li fir-rigwad tal-ktieb tal-mibki Dun Joe Calleja, kienet inġabet kwotazzjoni ta' €566 bil-VAT inkluża biex jiġu *scanned* iż-żewġ kotba u jitpoġġew onlajn fuq il-websajt tal-Kunsill. Il-Kunsill kollu qabel li għandu jmexxi b'din il-kwotazzjoni. Sadanittant, is-Sindku talab lill-Kunsillier Agius sabiex jilħaq jagħmel kuntatt mal-familja biex din tagħti l-awtorizzazzjoni għal dan kollu qabel ma jinbeda x-xogħol fuq il-ktieb.

## 12.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

12.4.1 Għall-mistoqsija mingħand il-Kunsillier Chircop dwar l-andament tas-sistema tal-vann tal-komunità, is-SE infurmat li s-sistema kienet qed taħdem bil-wisq aħjar però kien hemm xi talbiet li wieħed seta' jiddiskuti. Kien hemm qbil li għandha terġa' ssir laqgħa oħra fil-viċin.

12.4.2 Għall-mistoqsija mingħand il-Kunsillier Chircop, ġie kkonfermat li se jkun hemm laqgħa tal-kunsill tat-tfal nhar is-17 ta' Marzu.

## 12.5 Punti oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

12.5.1 Il-Kunsillier Chircop informa li r-Reġjun Lvant se jorganizza tournament tal-futbol tat-tfal nhar is-26 ta' April għat-tfal ta' bejn l-U/5 u l-U/15. L-Under 13's kienu se jikkompetu bejniethom u jkun hemm league bejn ir-reġjuni. Sadanittant kien se jkun hemm ukoll donazzjoni lill-MCCF.

12.5.2 Min-naħa tiegħu, il-Kunsillier Chircop kien diġà għamel kuntatt man-nursery tal-Imsida. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jippromwovi din l-attività fuq il-paġna tiegħu.

12.5.3 Il-Kunsillier Farrugia informa li kien tassew irrabjat għall-fatt kif Infrastructure Malta kienu qed jitrattaw lill-Kunsill Lokali. Dan wara li minn qabel ma nbeda l-proġett dawn kienu offrew li jistorjaw il-bankijiet, arbli, u street furniture oħra tal-Kunsill li kienu man-naħa tax-xatt kif ukoll fil-pjazza tar-raħal u dawn spiċċaw qed ikissru u jarmu kollox u saħansitra ma jridux li jżommu l-affarijiet li qed jinqalgħu sakemm il-Kunsill ikollu bżonnhom. Huwa saħaq li IM qed

tgħaddi romblu minn fuq il-Kunsill għax dawn huma parti mill-inventarju tal-Kunsill u għaldaqstant huma proprjetà tal-Misidjani kollha. Mhux sewwa għaldaqstant li IM l-ewwel qalet mod u issa li nbeda l-proġett mhux iżommu kelmthom biex jistorjaw dawn l-affarijiet għandhom imqar b'mod temporanju. Fost l-oħrajn huwa semma' li dawn kienu allegatament ramew saħansitra arbli, rifletturi, bankijiet eċċ għal valur ta' eluf ta' ewro, uħud minnhom li kienu proġett li l-Kunsill kien lesta f'dawn l-aħħar ftit snin u għaldaqstant kienu għadhom f'sitwazzjoni tajba ħafna. Huwa kompla jgħid li għalkemm jifhem li l-proġett kien se jinkludi għamara ġdida, iżda ma jfissirx li l-Kunsill ma setax jagħmel użu mill-affarijiet l-oħra kollha billi jwaħħalhom f'żoni oħrajn tal-lokalità. Sadanittant għadda wkoll żewġ listi bl-inventarju tal-Kunsill li kienu ġew mgħoddija lil IM f'Novembru 2024 bl-items kollha li xtaqna li jinqalgħu u li jiġu storjati għandhom kif ukoll ritratti tal-bankijiet mgħaffġa u mitluqa fil-pjazza, lesti biex jintremew.

12.5.4 Il-Kunsillier Farrugia ssuġġerixxa li minbarra l-laqgħa mal-GWU, il-Kunsill għandu jagħmel ukoll laqgħa mal-Ministeru tal-Kultura u jitlob ukoll għajnuna biex jitħallas il-kont tal-elettriku tal-Għajn tal-Ħasselin. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

12.5.5 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Agius, kien hemm qbil li s-SE għandha terġa' tagħmel kuntatt ma' IM biex tingħalaq it-toqba fi Triq il-Magna tas-Serrar, wara li dawn kienu diġà bagħtu work method statement fil-każ li din it-toqba hija bokka ta' xelter.

12.5.6 Il-Kunsillier Agius informa li kien hemm talba għal twaħħil ta' doggie bins fi Triq Xatt tax-Xbiex. Is-SE infurmat li kienet kitbet lill-GHRC sabiex titlobhom iwaħħlu tnejn iżda dawn m'aċċettawx. Kien hemm qbil li hu u s-SE għandhom imorru fuq il-post biex jifhmu fejn l-aħjar jitpoġġew.

12.5.7 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Agius ma kienx hemm oġġezzjoni biex darba fix-xahar jinġab il-qassis li jagħmel il-quddiesa fiċ-ċentru ta' matul il-jum għall-anzjani bil-vann tal-Kunsill minn San Ġwann.

12.5.8 Ma kienx hemm oġġezzjoni biex il-Kunsillier Agius iġib kwotazzjonijiet biex isir raff għall-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira li fil-preżent qed jiġu storjati f'waħda mill-kmamar tal-ewwel sular.

12.5.9 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Agius, is-SE infurmat li waħda mill-impjegati kienet tkellmet mal-kuntrattur biex jinbeda x-xogħol tal-bankina fi Triq Johnnie Catania. Hija kienet se terġa' tkellimha biex tara fiex waslet din il-kwistjoni.

12.5.10 Il-Kunsillier Agius informa li kien hemm problema biċ-ċitazzjonijiet li qed jaqilgħu r-residenti f'ċertu postijiet bi problemi akuti ta' parkeġġ.

12.5.11 Hawnhekk is-Sindku informa li għalkemm huwa ma jaqbilx li jingħataw dawn iċ-ċitazzjonijiet, min-naħa tiegħu hu flgħaxijiet ikun qed idur mal-pulizija minħabba l-problemi tal-iskart u mhux minħabba l-parkeġġi.

12.5.12 Il-Viċi Sindku infurmat li innutat munzell boroż fi Triq Brockdorff u ssuġġeriet li jitġoġġew tabelli *Stop Littering Msida* madwar il-lokalità. Kien hemm qbil li l-Kunsill kien qed jiffaċċja problema kbirra ta' nuqqas ta' infurzar. Is-SE infurmat li kienet għamlet ukoll kuntatt ma' GreenPak biex dawn jgħinu b'xi promozzjoni dar dar biex jgħallmu aktar lir-residenti biex jisseparaw l-iskart u joħorġuh skont l-iskeda.

12.5.13 Hawnhekk il-Kunsillier Agius skuża ruħu mil-laqgħa.

## 12.6 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji *(Financial Statements)*

12.6.1 Is-SE infurmat li l-accountant kienet se tagħti spjega tar-rapport finanzjarju tal-aħħar kwart kif ukoll l-estimi finanzjarji.

12.6.2 Hawnhekk l-accountant bdiet tagħti spjega tar-rapport finanzjarju tal-aħħar kwart fejn dan kien juri li l-Kunsill kien spiċċa b'deficit ta' €222,217. Dan ifisser ukoll li l-Kunsill ma kellux fondi biżżejjed biex saħansitra jħallas lil min għandu jagħti. Hija ġibdet l-attenzjoni li l-indikatur finanzjarju kien qiegħed -23% meta dan suppost li jkun dejjem minimu ta' +10%.

12.6.3 L-accountant spjegat ukoll l-estimi finanzjarji li kienu jirriflettu l-istess bħall-aħħar rapport finanzjarju u ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill ma assolutament ma jistax isir infiq żejjed għall-ebda raġuni, għaliex irid jibda jaħdem biex jipprova jirkupra l-flus li ntefqu matul is-sena preċedenti. Hija qalet li meta hi u s-SE kienu fformulaw il-baġit għas-sena 2025 kienu ddiskutew numru ta' miżuri li kellhom jittieħdu biex din il-ġerħa tibda tittaffa (bħal fil-każ tal-kuntratt tal-ġonna, tal-knis u tal-indafa tal-uffiċini) u barra minn dan, issa l-ispiża tal-iskart u tat-tipping fees kienet għaddiet għand ir-reġjun.

12.6.4 Fost oħrajn hija ġibdet l-attenzjoni li matul is-sena 2024, kienu ntefqu mal-€182,342 f'fondi fuq manutenzjoni (repairs and upkeep) meta l-baġit allokat u approvat mill-Kunsill fil-bidu tas-sena kien biss ta' €10,250. Hawnhekk is-Sindku talab lill-accountant biex tgħaddi breakdown ta' dawn l-ispejjeż lis-SE biex jiġu diskussi.

12.6.5 Ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart kif ukoll l-estimi finanzjarji ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE. Il-Kunsillier Chircop propona filwaqt li l-Kunsillier Farrugia ssekonda l-approvazzjoni taż-żewġ rapporti.

## 12.7 Jum l-Imsida

12.7.1 Is-Sindku talab lill-Kunsill biex jibda jaħseb dwar data u proposti għall-attività fl-okkażjoni ta' Jum l-Imsida.

12.7.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li din għandha ssir fuq ġewwa f'xi sala minflok fuq il-bejt għaliex l-okkażjoni ta' jum il-lokalità ħaqqha li tkun attività aktar elevata.

## 12.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

12.8.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. K9-11), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Chircop propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Farrugia ssekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 12.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

12.9.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:10pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 25 ta' Marzu 2025 fil-5pm.

**IFFIRMATA**
Charles Selvaggi
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv

**Anness 1 - Laqgħa mas-Sur Ryan Mercieca, Liaison Officer – Msida Creek Project**

Il-Kunsill issospenda l-laqgħa temporanjament sabiex jisma' r-rapport mingħand is-Sur Ryan Mercieca. Il-ħin kien il-5:10pm.

Ryan informa li kienu nżammu l-laqgħat tal-festa ma' tal-armar u tan-nar. Se ssir laqgħa oħra nhar l-Erbgħa li ġej.

Ryan informa li kienu saru numru ta' trial holes fil-ħajt ta' Triq Mikiel Anton Vassalli u sabu li kien magħmul minn materjal differenti u li mhuwiex ħajt dritt. Għaldaqstant kellhom bżonn jistudjawh aktar qabel ikomplu.

Dwar Triq Antonio Bosio huwa informa li kienet se tiġi miksija imma għadu ma jafx meta se tibda.

Msida Circus se ssir ukoll imma m'hemmx approvazzjoni uffiċjali għalkemm il-ħsieb huwa li tinkesa 60% tagħha.

Ix-xogħol ta' quddiem il-Kunsill għandu jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin u x'ħin se jlestu din il-fażi kienu wegħdu li jagħtu kisja konkos biex ikun jista' jerġa' jsir il-parkeġġ. Is-Sindku talab li jkun hemm kollox bil-miktub.

Hawnhekk is-Sindku fakkar lil Ryan ukoll li IM kienu wegħdu li jagħmlu mobile toilets fil-pjazza minħabba li kienet ingħalqet il-latrina pubblika.

Huwa semma' wkoll li ma jifhimx kif wara l-laqgħa li saret, l-għada filgħodu, il-Kunsill irċieva email biex jitneħħew żewġ *bus shelters*. Huwa spjega li din seta' ġie infurmat biha waqt il-laqgħa.

Is-Sindku informa li viċin tal-Kunsill m'għadux ikun hemm traffiku iżda għalkemm saret talba kemm-il darba, ħdejn Msida Circus mhux qed ikun hemm persuna li tmexxi t-traffiku.

Il-Kunsillier Agius informa li fil-passaġġ ta' bejn naħa u oħra tal-pjazza qed ikun hemm l-ilma u talab li ssir platform biex jgħaddu n-nies.

Il-Kunsillier Agius informa li l-bus stop kien tmexxa fi Triq Rue D'Argens imma m'hemmx *bus shelter*.

Il-Kunsillier Farrugia informa li wara li saret talba għal laqgħa mal-periti biex niddiskutu kif u fejn se jitpoġġew l-affarijiet tal-Kunsill, issa dawn kienu qalulna li l-affarijiet ma jistgħux jistorjawhom. F'Novembru kienu talbuna l-listi tal-għamara li kellna fuq iż-żewġ naħat tal-pjazza u tajnihomlhom u kienu bdew jinqalgħu iżda għal xi raġuni l-Kunsill ġie infurmat li remgħu kollox. Dawn huma flus il-Kunsill. Huma ghadda ritratti ta' bankijiet li tkissru minnhom minflok twaħħlu. Fosthom hemm ukoll arbli li jiswew kwazi €30K kif ukoll il-monument taż-żgħażagħ.

Huwa kompla li għalkemm sfortunatament ma kien hemm xejn bil-miktub dwar x'intqal, kienet saret laqgħa quddiem numru ta' kunsilliera fil-preżenza anke tas-CEO u l-periti responsabbli mill-proġett. Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir itttra lill-Ministru u jiġi kkupjat is-CEO fejn ninfurmawhom li l-Kunsill huwa ddispjaċut ħafna u li ma ma naqblux ma' li sar u li għalkemm nifhmu li se jkun hemm affarijiet ġodda, kien hemm il-maġġorparti tal-affarijiet li huma parti mill-inventarju tal-kunsill u li setgħu jintużaw x'imkien ieħor.

Għandna wkoll ngħidu li r-rappreżentant suppost huwa liaison officer bejn IM u l-Kunsill Lokali u li mhux jingħata l-informazzjoni kollha u dettaljata u qed ikun jaf bl-affarijiet wara li nsemmulu x'qed jiġri aħna. Il-Kunsill qabel li jekk huwa ma jkunx infurmat għalxejn qiegħed hemm. Il-Kunsill qabel ukoll li jixtieq reazzjoni mingħand il-Ministru sabiex tiġi diskussa waqt il-laqgha tal-kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fis-5:45pm.

******